**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 11/19**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 5 ta' Awwissu 2019 |
| **Ħin:** | 6:25 PM |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier (sat-8.00pm)<br>Raymond Caruana - Kunsillier (sat-7:45pm)<br>Roderick Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati** | Amanda Abela - Kunsilliera<br>Dorcas Camilleri Kunsilliera |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **11.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **11.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **11.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **11.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **11.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **11.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **11.07** | **Tribunal;** |
| **11.08** | **Xogħolijiet;** |
| **11.09** | **Kont Bankarju fl-APS Bank;** |
| **11.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **11.11** | **Mozzjonijiet; u** |
| **11.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**11. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Camilleri ma setgħatx tattendi għall-laqgħa minħabba li tinsab imsiefra. Imejl annessa. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. 1. 2 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Abela A ma setgħatx tattendi għall-laqgħa minħabba li tinsab imsiefra. Imejl annessa. | Segretarju Eżekuttiv |

**11. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Baldacchino<br>Sekondant: Viċi-Sindku | Il-Minuti 10/19 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 11. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**<br>Sindku: Estensjoni tal-kuntratti | Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex titressaq talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex issir estenzjoni għas-servizz tal-Perizja u tax-Xogħolijiet Infrastruturali. | |

**11. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 2 | 1 | 10.04.01 | Sindku: *Textile Recycling Bin* | Is-Sindku qalet li ser issir laqgħa fid-19 ta' Awwissu. | Sindku |
| 11 | 2 | 2 | 10.04.06 | Sindku: *Landscaping Area* | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li Wirt iż-Żejtun qed jipproponu sabiex isir tħawwil ta' madwar 30 siġra, issir tabella informattiva kif ukoll jieħdu ħsieb li jsaqqu għall-tlett snin. Il-Kunsill qabel nem.com fuq dan. | Sindku |
| 11 | 2 | 3 | 10.04.07 | Sindku: *Speed Camera* fi Triq President Anton Buttigieg | Is-Sindku qalet li l-istqarrija ġiet maħruġa pero s'issa ma kienx hemm rispons mill-entitajiet. | Sindku |
| 11 | 2 | 4 | 10.08.03 | Mafkar: Dun Salv Galea | Is-Sindku qalet li din kienet taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-Eċċellenza tiegħu Dr George Vella. Kien hemm attendenza tajba ħafna. Attendew ukoll il-Ministru Owen Bonnici u l-Ministru Carmelo Abela. Il-Kunsilliera għaddew rimarka li kellom post riservat għalihom imma teħdilhom u spiċċaw bil-wieqfa mal-udjenza. | Sindku |
| 11 | 2 | 5 | 10.11.01 | Sindku: Żejt iż-Żejtun 2019 | Is-Sindku qalet li ddiskutejna dwar it-tenders u deċidejna li għandha tingħata prijorita' lill-Għaqdiet Żwieten. Il-barijiet taz-zuntier tal-Knisja u Misraħ Wistin Abela ser ikunu ta' mhux inqas minn €1500 u dak ta' Żona San Girgor mhux inqas minn €300 u jiġu provduti mwejjed u siġġijiet. Ser jinħarġu bejn is-7 u t-30 ta' Awwissu 2019. Il-posti tal-ikel ser jitilgħu għall-€150 -il waħda. Agius irrimarkat li tinsab diżappuntata li Rockestra ser issir fl-istess ġurnata. | Sindku |
| 11 | 2 | 6 | 10.06.02 | Baldacchino: Ħamiem Selvaġġ | Baldacchino qal li twaqqaf il-Kumitat il-ġdid u ser tibda d-diskussjoni sabiex tibda tiġi diskussa din il-problema. | Baldacchino / Stephanie |
| 11 | 2 | 7 | 10.08.04 | Viċi-Sindku: *Cruise* | Il-Viċi-Sindku qalet li din l-attivita' saret u kienet suċċess fejn u hemm diġa oħra ppjanata għas-sena d-dieħla. | Viċi-Sindku |
| 11 | 2 | 8 | 10.08.05 | Viċi-Sindku: Ġurnata Kemmuna | Il-Viċi-Sindku qalet li din saret u kienet suċċess. | Viċi-Sindku |
| 11 | 2 | 9 | 10.09.01 | Viċi-Sindku: Dekasteri | Il-Viċi-Sindku talbet li d-dekasteri għandhom jittellgħu fuq Facebook sabiex ir-residenti jkunu jafu min qed jieħu ħsieb. | Viċi-Sindku |
| 11 | 2 | 10 | 10.06.06 | Fenech: Ftehim dwar il-Football Pitch fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Fenech qalet li hekk kif dalwaqt jibda x-xogħol. Il-Kunsill kien diġa qabel li l-grawnd għandu jissemma għall-Julio Camilleri. | Fenech |
| 11 | 2 | 11 | 10.08.02 | Fenech: *NGO Move* | Fenech qalet li din ser issir nhar il-Erbgħa fejn ser jintrama l-grawnd fuq iz-zuntier u jintefa d-dawl. | Fenech |

**11 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/19. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 1 | 10 | Dipartiment tal-Gvern Lokali: Onorarju u *Allowances* | Wara diskussjoni ġie maqbul mill-Kunsilliera kollha li l-*allowances* għandhom jibdew jingħataw kull tlett xhur minflok kull xahar kif mitlub mid-Dipartiment. | |
| 11 | 3 | 2 | 15 | *Sleeping Police* fi Triq Santa Katarina | Ġie maqbul li niktbu lill-TM sabiex naraw kif din il-problema tista' tissolva. | Sindku |

**11. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 4 | 1 | | | | |
| **11.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11 | 5 | 1 | | Triq Toni Zahra | Ġie diskuss li għandha ssir *roundabout* elevata. Kien hemm qbil dwar dan. | Sindku |
| 11 | 5 | 2 | | Viċi-Sindku: Tinda | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm bżonn tiġi nstallata tinda fil-*play area* tal-Manuċċa sabiex ma jibqax jaqa ħmieġ mis-siġar. | Viċi-Sindku |
| 11 | 5 | 3 | | Baldacchino: *Bins* tal-Klieb | Baldacchino talab li għandhom isiru l-*bins* s-suq. | Sindku |
| 11 | 5 | 4 | | Baldacchino: Attendenza | Baldacchino qal li ser issir attendenza għall-min jieħu ħsieb il-latrini sabiex isir moniteraġġ li x-xogħol qed isir. | Baldacchino |
| 11 | 5 | 5 | | Chircop: Restawr tan-niċċa | Chircop qal li ser issir laqgħa mal-perit sabiex titkompla l-aħħar fażi | Chircop |
| 11 | 5 | 6 | | Chircop: Premju Anzjan Attiv | Chircop qal li ser tiġi nnominata s-sinjura Lorenza Bonavia | Camilleri |
| 11 | 5 | 7 | | Chircop: Triq San Alfonsu | Chircop qal li għandu jsir Traffic Management għal din iż-żona. | Sindku |
| 11 | 5 | 8 | | Caruana R: Binja San Martin | Caruana R issuġerixxa li għandha tiċkien is-*Central Strip* f'din iż-żona. | Sindku |
| 11 | 5 | 9 | | Viċi-Sindku; Ċentru Arti u Artiġjanat | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm bżonn jerġa jibda jinżamm renidkont ta' x'qed jittieħed miċ-Centru għax qed jonqsu l-affarijiet | Viċi-Sindku |
| **11.** | **6.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. | 6. | 1 | | Viċi-Sindku: Ġurnata Kemmuna | Il-Viċi-Sindku qalet li din l-attivita' ser issir fl-10 ta' Awwissu. | Viċi-Sindku |
| 11. | 6. | 2 | | Viċi-Sindku: BBQ | Il-Viċi-Sindku qalet li ser isir BBQ fid-19 ta' Awwissu. | Viċi-Sindku |
| 11. | 6. | 3 | | Fenech: Sezzjonijiet mill-*Primary Health Care* | Fenech qalet li minn Ottubru ser jibdew sezzjonijiet fil-bini tal-Kunsill dwar kif wieħed għandu jieħu ħsieb saħħtu kull nhar ta' Erbgħa filgħodu. | Fenech |
| 11. | 6. | 4 | | Fenech: *Glow in the Dark* | fenech qalet li f'din l-attivita' ser ikun hawn studenti mill-MHSA li qed jistudjaw il-Fiżjo Terapija. | Fenech |
| 11. | 6. | 5 | | Fenech: Żjara l-Esplora | Fenech qalet li ser isir attivita' fejn żgħażagħ ser iżuru l-Esplora bħala parti minn proġett li ser isir dalwaqt.. | Fenech |
| 11. | 6. | 6 | | Fenech: *Network Group* mal-Kunsill f'daqqa | Fenech qalet li ser niltaqgħu mal-Aġenzija Żgħażagħ biex joħorġu ideat. | Fenech |
| 11. | 6. | 7 | | Chircop: Librerija | Chircop qal li saret l-applikazzjoni għall-iskema tal-Librerija. Ser isiru tlett *workshops* għall-istudenti tar-raba' sena fejn ser jesploraw kotba fuq iż-Żejtun, Quiz dwar iż-Żejtun u jsir workbook dwar l-Istorja taż-Żejtun. | Chircop / Camilleri |
| 11. | 6. | 8 | | Chircop: *Card Game* | Chircop qal li din il-logħba ser tibda titqassam mit-22 ta' Awwissu. | Chircop |
| 11. | 6. | 9 | | Chircop: Wirja mill-Grupp Filateliku | Chircop qal li bħas-snin ta' qabel ser issir wirja li tinfetaħ fis-26 ta' Settembru fis-Sala Ġużeppina Curmi għal-Żejt i-Żejtun. | Chircop |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| **11. 7.** | | **Tribunal;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11 7 1 | | Sindku: Tribunal Lokali | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħa mar-Reġjun Xlokk ġejna infurmati li l-binja fiha ħafna konsenturi u rridu nindirizzaw il-problema. Is-Sindku qalet li ser tkellem lill-perit bies isir spezzjoni. Irid isir ukoll il-membrane fuq il-bejt biex tissolva l-problema tal-ilma. | Sindku |
| **11. 8.** | | **Xogħolijiet;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. 8. 1 | | Baldacchino: Latrina tas-Suq | Baldacchino staqsa jekk fil-latrina tas-Suq hux ser isir tisbiħ. Is-Sindku qalet li dawn ser jinbidlu kollha. | Sindku |
| 11. 8. 2 | | Sindku: | Is-Sindku qalet li fi Triq Sant'Anġlu ser jibda x-xogħol dalwaqt u wara diskussjoni ma' *Infrastructure Malta* sar ftehim u ser isir *printed concrete.* Il-Kunsill ser iħallas biss id-differenza li kieku saret tarmak.<br><br>* Triq il-Gwiedi fit-22 ta' Lulju beda l-iskavar.<br><br>* Triq Taltas ingħata l-ewwel saff ta' tarmak u beda x-xogħol fuq id-dranaġġ fi Triq il-Wied.<br><br>* Triq il-Labour nbeda x-xogħol fuq is-servizzi tal-ilma. Tlabna li jsir id-drenaġġ imma s-issa t-talba għadha ma ġitx milqugħa.<br><br>* Il-Ġonna taċ-Ċrieki u Mikiel Anton Vassalli ser isir tisbiħ. | Sindku |
| 11. 8. 3 | | Viċi-Sindku: Tindif mill-*Cleansing Department* | Il-Viċi-Sindku irrimarkat li għandna nirringrazzjaw lill-Cleansing Department għax-xogħol siewi ta' tindif u manutenzjoni li qed isir bħala għajnuna lill-Kunsill. | Viċi-Sindku |
| **11. 9.** | | **Kont Bankarju fl-APS Bank;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta quddiem il-Kunsill sabiex isir trasferiment ta' €500,000 mill-kont bankarju tal-BOV għall-dak li ġie miftuħ mal-APS. Il-Kunsill qabel nem.con ma' din il-proposta. | Segretarju Eżekuttiv |
| **11. 10.** | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. 10. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/19 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. 0. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 11/19 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 10. | 3 | *Petty Cash* - Ġunju u Lulju 2019 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju u Lulju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €2.28 u €143.60. | Segretarju Eżekuttiv |

**11 11 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 11 | 1 | Ma kinx hemm mozzjonijiet waqt din is-seduta. | | |

**11 12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:50pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 2 ta' Settembru fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA

Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv